# RAJT IŻ-ŻONA TINBIDEL

minn George DeBattista

Waħda mis-sitt żoni prinċipali li tifforma parti minn Birkirkara hi ż-żona ta' l-Imrieħel. Kif jixhed l-isem l-Imrieħel, kienet żona abitata prinċipalment minn raħħala u bdiewa li l-mod kif jaqilgħu l-għajxien tagħhom kien li jkabbru mrieħel kbar ta' mogħoż u nagħaġ, għalhekk iż-żona ħadet dan l-isem. Hi ħaġa inkredibbli tara taħt għajnejk it-trasformazzjoni ta' żona bħal din, tinbidel u tieħu xejra moderna b'toroq u pjazez li jixirqu għaż-żmien tal-lum. Ta' min jinnota li ftit mill-ewwel bini li nbena f'din iż-żona kienu l-kulleġġ San Alwiġi tal-Ġiżwiti, id-Dar tal-Kleru, l-iskola sekondarja tal-gvern "Santa Tereża", u l-*Housing Estate* li jmiss magħha.

Madwar tnejn u tletin sena ilu, iż-żona antika ta' l-Imrieħel, kienet tikkonsisti biss- fil-parti ta' Triq l-Imrieħel u sqaqien ta' madwar, Triq il-Ferrovija l-Qadima, minn San Alwiġi sa ħdejn l-Istazzjon, Triq il-Knisja l-Qadima 'l isfel mill-Knisja, l-Istazzjon tal-ferrovija li hu storiku, iċ-Ċimiterju ta' l-Infetti, li llum ġie trasformat fi grawnd tal-futbol, il-kalkara tal-ġir, in-niċċa ta' l-infetti, l-akwedott, il-pitkalija, u t-*Terminus* tal-karozzi tal-linja ta' Birkirkara, u t-toroq antiki ta' madwar Triq Pompei. Il-bqija kien kollu għelieqi u rziezet.




Wara li ġie ntrodott il-pjan regolatur ġdid għal din iż-żona, ħafna mir-raba ngħata għall-bini, b'hekk bdiet il-bidla ta' din iż-żona minn waħda rurali għal waħda abitabbli. Din il-bidla ġabet magħha tibdil konfigurattiv, kulturali u soċjali fl-andament totali tal-belt tagħna Birkirkara. L-influwenzi fl-istil tal-bini kif ukoll l-atteġġjament soċjali li ġabu magħhom il-familji ġodda żgħażagħ tawha bixra ġdida lil din iż-żona. L-infrastruttura tagħha ngħatat ħajja ġdida biex tagħti ħajja aħjar lill-familji ġodda li ġew joqogħdu hawnhekk. Infatti bosta ħwienet ġodda, dipartiment tad-dawl u l-ilma, u, meta ġew imwaqqfa l-Kunsilli Lokali (fis-sena 1994), l-Istazzjon ta' Bikirkara kien jospita il-Muniċipju Lokali, qabel ġie trasferit għal wara l-parroċċa ta' Sant' Elena.

# STORJA



L-istazzjon tal-ferrovija kien jagħti wkoll servizz lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet, għax fih kellu uffiċċju distrettwali. Kien hemm ukoll id-Dipartiment tas-Sanità fejn kont issib spetturi sanitarji tad-distrett iservu lid-distrett ta' Birkirkara.Konna nsibu wkoll kontinġent ta' nies ta' l-agrikoltura. Il-lum il-ġurnata dan il-ġnien hu post ta' rikreazzjoni sew għall-kbar kif ukoll għaż-żgħar għax fih hemm *playing area* għat-tfal. Dnub li l-lum hu mitluq. L-iktar importanti u ta' min jinnotah hu li ma' dax-xogħol u l-bdil kollu ta' din iż-żona, kien qed isir xogħol aktar importanti - ir-restawr tal-Knisja ta' Santa Marija jew aħjar il-Knisja l-Qadima. Il-ġawhra arkitettonika meqjusa bħala monument nazzjonali. Din kienet ta' siwi kbir biex din iż-żona hekk żagħżugħa tinbena mil-lat morali wkoll. Ta' min ifakkar li qabel ma ġiet restawrata l-ewwel parti tal-Knisja l-Qadima, il-quddies kien isir f'parti mis-sagristija. Dan kien inkonvenjent kbir għan-nies, speċjalment meta bdew jiżdiedu r-residenti għaliex is-sagristija kienet żgħira wisq biex takkomodahom.

Qabel ma beda r-restawr, din il-knisja kienet tintuża bħala ċimiterju meta l-kannierja tal-parroċċa Sant'Elena kienet tkun mimlija. Għaldaqstant il-korsija u l-kappelluni tal-ġnub kienu mingħajr soqfa u l-art mimlija oqbra. Konna nisimgħu iċ-ċaqliq tal-kapitelli ta' l-oqbra taħt il-passi tagħna meta mmorru għall-quddies. Meta mbagħad beda r-restawr inbena ħajt biex il-Knisja setgħet takkomoda aktar nies. Niftakru wkoll li meta kienet tkun ix-xita, biex iqaddes, is-saċerdot kellu joħroġ bl-umbrella mis-sagristija ta' ġewwa għall-knisja.

Waħda mill-vilel antiki u storiċi li kienu diġa jeżistu hi Villa Chelsea. Ta' min iżid ukoll li fost il-ħafna postijiet li nbnew f'din iż-żona wieħed mill-aktar importanti hu bla dubju ta' xejn iċ-Ċentru Parrokkjali. Dan ta kontribut kbir biex tinbena s-soċjeta' żagħżugħa li għandna l-lum għax fih kienu, u għadhom, isiru laqgħat kemm għaż-żgħar, għaż-żgħażagħ u għall-kbar biex b'hekk il-komunità tissaħħaħ u tingħaqad dejjem aktar.



Iċ-ċentru Santa Marija

## STORJA



Żvilupp riċenti fiż-żona tagħna hu l-bini ġdid ta Gymnasium tal-Kulleġġ San Alwiġi tal-Ġiżwiti n-naħa ta' l-Infetti. Il-lum iż-żona tal-Knisja l-Qadima jew ta' l-Imrieħel, kif kienet antikament magħrufa, tkopri mat-tlieta u erbgħin (43) triq u sqaqien li fihom joqogħodu madwar 2,700 votant, jew madwar 1,000 familja. Żona ta' din l-entità għandu jkollha influwenza qawwija fuq il-bqija tal-belt tagħna Birkirkara.

Biex dan jitwettaq, jrid ikollok żona attiva u pro attiva biex verament tħalli l-impronta fuq il-bqija tar-raħal totali, biex tkun żona *leader* fl-oqsma kollha li soċjetà jkollha bżonn tesprimi ruħha fihom minn żmien għal żmien, bħal dawk kulturali, soċjali, morali u politiċi.

Quddiem dan kollu wieħed irid jara hu x'kontribut ta u qed jagħti għall-bidla ta' din iż-żona fl-oqsma kollha tal-ħajja biex b'hekk ikollna sehem veru ħaj u attiv li jkun jixraq lill-poplu taż-żona tagħna u sehem akbar fil-bidla globali ta' Birkirkara tagħna.


# ST. GEORGE'S

**BALZAN**

Opposite Dolphin Supermarket

Free Delvery Daily

*Best Products - Best Prices*

Tel: 2144 2687

# SLICEMEN

1, F.Zahra Street, B'Kara
(Hdejn il-Knisja l-Qadima)

Tel: 21445086